# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

3 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawża C-41/09,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fid-29 ta' Jannar 2009,

**Il-Kummissjoni Ewropea,** irrappreżentata minn D. Triantafyllou u W. Roels, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi,** irrappreżentat minn C. Wissels u M. Noort kif ukoll minn M. de Grave u J. Langer, bħala aġenti,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

sostnut minn:

**Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja,** irrappreżentata minn M. Lumma u C. Blaschke, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

**Ir-Repubblika Franċiża,** irrappreżentata minn B. Beaupère-Manokha, bħala aġent,

intervenjenti,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, J.-J. Kasel, A. Borg Barthet, M. Safjan (Relatur) u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Settembru 2010,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2010,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Bir-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, bl-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa ta' taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") fuq il-provvisti, l-importazzjonijiet u l-akkwisti intra-Komunitarji ta' ċerti annimali ħajjin, b'mod partikolari żwiemel, li ma humiex normalment maħsuba għall-preparazzjoni ta' ikel għal konsum mill-bnedmin jew mill-annimali, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu abbażi tal-Artikolu 12, moqri flimkien mal-Anness H tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/18/KE, tal-14 ta' Frar 2006 (ĠU L 270M, p. 243, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva"), kif ukoll tal-Artikoli 96 sa 99(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1), moqrija flimkien mal-Anness III tagħha (iktar 'il quddiem l-"Anness III").

**Il-kuntest ġuridiku**

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

2 Id-Direttiva 2006/112 ħassret u ssostitwixxiet, mill-1 ta' Jannar 2007, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea eżistenti fil-qasam tal-VAT, b'mod partikolari s-Sitt Direttiva.

3 Skont l-ewwel u t-tielet premessi tad-Direttiva 2006/112, it-tfassil mill-ġdid tas-Sitt Direttiva kien neċessarju sabiex id-dispożizzjonijiet kollha applikabbli jiġu ppreżentati b'mod ċar u razzjonali bi struttura u redazzjoni riveduti mingħajr, bħala prinċipju, ma jkun hemm tibdil fis-sustanza tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

4 B'hekk, l-Artikoli 96 sa 99(1) tad-Direttiva 2006/112 jikkorrispondu għal dispożizzjonijiet differenti tal-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva u tal-Anness H tagħha.

5 L-Artikolu 96 tad-Direttiva 2006/112 jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom japplikaw rata standard ta' VAT, li għandha tiġi ffissata minn kull Stat Membru bħala persentaġġ ta' l-ammont taxxabbli u li għandha tkun l-istess għall-provvista ta' merkanzija u għall-provvista ta' servizzi."

6 L-Artikolu 97 ta' din id-direttiva jipprevedi:

"1. Mill-1 ta' Jannar 2006 sal-31 ta' Diċembru 2010, ir-rata standard ma tistax tkun inqas minn 15 %.

2. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, skond l-Artikolu 93 tat-Trattat [KE], dwar il-livell tar-rata standard li għandha tiġi applikata wara l-31 ta' Diċembru 2010."

7 L-Artikolu 98 ta' din l-istess direttiva jipprovdi s-segwenti:

"1. L-Istati Membri jistgħu japplikaw jew rata mnaqqsa waħda jew żewġ rati mnaqqsa.

2. Ir-rati mnaqqsa għandhom japplikaw biss għall-provvisti ta' merkanzija jew servizzi fil-kategoriji stabbiliti fl-Anness III.

[…]

3. Meta jkunu qed japplikaw ir-rati mnaqqsa previsti fil-paragrafu 1 għal kategoriji ta' merkanzija, l-Istati Membri jistgħu jużaw in-Nomenklatura Magħquda sabiex jistabbilixxu eżattament kemm hi koperta l-kategorija kkonċernata."

8 L-Artikolu 99(1) tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi:

"Ir-rati mnaqqsa għandhom jiġu ffissati bħala persentaġġ ta' l-ammont taxxabbli, li ma jistax ikun inqas minn 5 %."

9 L-Anness III, intitolat "Lista ta' provvisti ta' merkanzija u servizzi li għalihom jistgħu japplikaw ir-rati mnaqqsa msemmija fl-Artikolu 98", isemmi fil-punt 1 tiegħu:

"Oġġetti ta' l-ikel (inkluż ix–xorb imma eskluż ix-xorb alkoħoliku) għall-konsum mill-bnedmin u mill-annimali; annimali ħajjin, żerriegħa, pjanti u ingredjenti normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel; prodotti normalment maħsuba li jkunu użati biex jissupplimentaw jew jissostitwixxu l-oġġetti ta' l-ikel".

10 Din id-dispożizzjoni tikkorrispondi mal-punt 1 tal-Anness H tas-Sitt Direttiva.

11 Il-punt 11 tal-Anness III, li jikkorrispondi għall-punt 10 tal-Anness H tas-Sitt Direttiva, jipprovdi s-segwenti:

"Il-provvista ta' merkanzija u servizzi ta' tip normalment maħsuba għall-użu fil-produzzjoni agrikola imma li mhumiex merkanzija kapitali bħal makkinarju jew bini".

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

12 L-Artikolu 9 tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ (Wet op de omzetbelasting), tat-28 ta' Ġunju 1968 (*Staatsblad* 1968, Nru 329, iktar 'il quddiem il-"Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ"), jipprovdi:

"1. It-taxxa għandha tammonta għal 19 %.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, it-taxxa għandha tammonta għal:

a) 6 % għall-provvisti ta' merkanzija u għall-provvisti ta' servizzi inklużi fit-Tabella I annessa ma' din il-liġi;

[...]"

13 Il-punti a. 1 u a. 4 tal-imsemmija Tabella 1 jipprovdu s-segwenti:

"a.

1. oġġetti tal-ikel, b'mod partikolari:

a) ikel u xorb normalment maħsub għall-konsum mill-bnedmin;

b) prodotti manifestament maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni tal-ikel u tax-xorb imsemmi f'(a) u li huma inklużi fihom b'mod sħiħ jew parzjali;

c) prodotti maħsuba li jkunu użati biex jissupplimentaw jew jissostitwixxu l-ikel u x-xorb imsemmija f'(a), bil-kundizzjoni li x-xorb alkoħoliku ma jkunx ikkunsidrat bħala oġġett tal-ikel;

[...]

4.

a) annimali tal-ifrat, ngħaġ, mogħoż, ħnieżer u żwiemel;

b) annimali oħrajn għajr dawk imsemmija f'(a), manifestament maħsuba għall-fabrikazzjoni jew għall-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel imsemmija fil-punt 1 iktar 'il fuq, u annimali manifestament maħsuba għat-trobbija ta' dawn l-annimali;

c) il-ġewwieni tal-annimali msemmija f'(a) u f'(b);

d) il-prodotti manifestament maħsuba għar-riproduzzjoni tal-annimali msemmija f'(a) u f'(b)."

## Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14 Bil-kunsiderazzjoni li, bl-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa ta' VAT fuq il-provvisti, l-importazzjonijiet u l-akkwisti intra-Komunitarji ta' ċerti annimali ħajjin, b'mod partikolari żwiemel, li ma humiex normalment maħsuba għall-preparazzjoni ta' ikel għal konsum mill-bnedmin jew mill-annimali, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma kienx osserva l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 12 tas-Sitt Direttiva, moqri flimkien mal-Anness H tagħha, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stabbilita mill-Artikolu 226 KE. B'ittra tal-10 ta' April 2006, il-Kummissjoni intimat lil dan l-Istat Membru sabiex iressaq l-osservazzjonijiet tiegħu f'dan ir-rigward.

15 Fl-ittra ta' tweġiba tiegħu tas-27 ta' Ġunju 2006, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi rrikonoxxa li l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT fir-rigward tal-provvisti ta' ċerti annimali ħajjin, kif previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, kienet iktar estiża minn dik li kienet tawtorizza s-Sitt Direttiva. Dan indika li kien se jiġi ppreżentat abbozz ta' liġi quddiem il-Parlament tal-Pajjiżi l-Baxxi sabiex tiġi osservata din id-direttiva, u li l-emenda leġiżlattiva kienet wisq probabbli sejra tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007.

16 Peress li madankollu r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma pproċediex bl-adozzjoni ta' dan l-abbozz ta' liġi, il-Kummissjoni, fit-23 ta' Ottubru 2007, bagħtitlu opinjoni motivata li biha stiednet lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu ma' din l-opinjoni fi żmien xahrejn mill-ġurnata tan-notifika tagħha.

17 Fis-26 ta' Novembru 2007, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi wieġeb għal din l-opinjoni motivata fejn osserva li l-abbozz ta' liġi msemmi kien jinsab fl-istadju ta' diskussjoni quddiem il-Kummissjoni Permanenti tal-Finanzi tat-Tieni Kamra tal-Parlament. Madankollu, fil-31 ta' Marzu 2008, dan l-Istat Membru informa lill-Kummissjoni li ma kienx iqis bħala opportun li l-imsemmi abbozz ta' liġi jiġi effettivament adottat.

18 Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Kummissjoni ppreżentat dan ir-rikors.

19 B'digrieti tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Settembru u tal-20 ta' Novembru 2009, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża ġew rispettivament awtorizzati sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

**Fuq ir-rikors**

*L-argumenti tal-partijiet*

20 Il-Kummissjoni tosserva li l-Artikoli 96 sa 99(1) tad-Direttiva 2006/112, moqrija flimkien mal-Anness III, huma applikabbli għall-provvisti u, *mutatis mutandis*, għall-importazzjonijiet u għall-akkwisti intra-Komunitarji.

21 Skont il-kliem tal-punt 1 tal-Anness III, l-annimali ħajjin kif ukoll iż-żerriegħa, il-pjanti u l-ingredjenti l-oħra jistgħu jkunu suġġetti għal rata mnaqqsa tal-VAT biss jekk ikunu normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' oġġetti tal-ikel, li ma huwiex il-każ għaż-żwiemel.

22 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-imsemmi punt 1 għandu jiġi interpretat b'mod strett, bħal kull dispożizzjoni oħra li tistabbilixxi rata mnaqqsa tal-VAT.

23 Konsegwentement, il-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, billi tipprevedi rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvisti ta' ċerti annimali ħajjin, b'mod partikolari ż-żwiemel, anki fil-każ fejn dawn ma humiex maħsuba għall-manifattura jew għall-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel, ma hijiex konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/112.

24 Fir-replika tagħha, il-Kummissjoni żżid tgħid li l-verżjonijiet bil-lingwa Franċiża, Taljana u Ingliża tal-punt 1 tal-Anness III jikkonfermaw li huma biss il-prodotti li b'xi mod huma inklużi fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ikel għal konsum mill-bnedmin u mill-annimali li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT.

25 Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li l-annimali ma jikkostitwixxux prodotti tal-ikel. Għalhekk, bl-użu tat-terminu "annimali ħajjin" fil-punt 1 tal-Anness III, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-għan li jieħu inkunsiderazzjoni kategorija sħiħa ta' produzzjoni ta' prodotti tal-ikel. Fil-fatt, fin-nuqqas ta' din il-preċiżazzjoni, il-provvisti ta' annimali ħajjin kienu jkunu suġġetti għar-rata normali tal-VAT, b'tali mod li l-prodotti pproċessati finali li jifformaw parti, min-naħa tagħhom, mill-kategorija tal-prodotti tal-ikel kienu jkunu jiswew iktar.

26 Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, l-imsemmi punt 1 ma għandux jiġi interpretat fis-sens li l-provvisti ta' żwiemel kollha huma suġġetti għar-rata normali tal-VAT. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tipprevedi l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT skont iż-żiemel u l-operazzjoni kkonċernati. F'dan ir-rigward, elementi bħall-prezz u r-razza tal-annimal jikkostitwixxu indikazzjonijiet li jippermettu li jsir magħruf l-użu previst tiegħu.

27 Finalment, il-Kummissjoni tosserva li mhux iż-żwiemel kollha jintużaw għal skopijiet agrikoli.

28 Qabel kollox, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostni li, matul il-fażi prekontenzjuża u firrikors promotur tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat biss l-ispeċi ta' żwiemel fost dawk imsemmija fil-punt a. 4(a), tat-Tabella 1 tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ. Għaldaqstant, ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT fir-rigward ta' ċerti annimali ħajjin minbarra ż-żwiemel.

29 Sussegwentement, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi josserva, prinċipalment, li la l-verżjoni bl-Olandiż u lanqas kwalunkwe verżjoni lingwistika oħra tal-punt 1 tal-Anness III ma tikkonferma li l-espressjoni "normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel" tapplika għall-annimali ħajjin, għaż-żerriegħa u għall-pjanti. B'mod kuntrarju, mill-verżjoni bil-Ġermaniż tal-istess dispożizzjoni jirriżulta li din l-espressjoni tapplika biss għall-ingredjenti. Din l-interpretazzjoni hija l-unika waħda possibbli, peress li ż-żerriegħa, pereżempju, ma hijiex normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ikel. Għalhekk, iż-żwiemel, bħala annimali ħajjin, irrispettivament minn jekk normalment humiex maħsuba jew le għall-użu fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel, jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi punt 1.

30 Sussidjarjament, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi josserva li l-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda element ta' fatt li minnu jirriżulta li ż-żwiemel ma humiex normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ikel. Issa, il-Kummissjoni ma tistax tibbaża ruħha fuq preżunzjoni kwalunkwe meta hija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tikkonstata n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minn naħa ta' Stat Membru.

31 B'mod iktar sussidjarju, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jsostni li ż-żwiemel huma normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' oġġetti tal-ikel. F'dan ir-rigward, mill-użu tal-avverbju "normalment", fil-punt 1 tal-Anness III, jirriżulta li għandu jiġi eżaminat mhux kull żiemel meqjus individwalment, iżda jekk kategorija partikolari

ta' annimali hijiex maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel. Issa, kull żiemel jista' jittieħed lejn il-biċċerija bħala annimal għal-laħam, anki jekk id-destinazzjoni ta' żiemel tista' tiġi modifikata b'mod temporanju, pereżempju billi jintuża bħala żiemel tal-ġiri. F'dan is-sens, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jinvoka d-digriet tal-1 ta' Ġunju 2006, V.O.F. Dressuurstal Jespers (C-233/05) kif ukoll l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008, tas-6 ta' Ġunju 2008, li jimplimenta d-Direttivi tal-Kunsill 90/426/KEE u 90/427/KEE fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-equidae (ĠU L 149, p. 3), minn fejn jirriżulta li annimal *equidae* għandu jitqies li bħala prinċipju huwa maħsub għall-qtil għall-konsum mill-bnedmin.

32 Barra minn hekk, l-approċċ tal-Kummissjoni ma huwiex wieħed prattikabbli sa fejn dan jirrendi neċessarju li tiġi vverifikata, għal kull provvista ta' żiemel, id-destinazzjoni tiegħu, u dan minkejja li l-intenzjoni tax-xerrej tista' tkun differenti minn dik tal-bejjiegħ.

33 B'mod iktar sussidjarju, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidra li ż-żwiemel huma merkanzija tat-tip li normalment ikun maħsub għall-użu fil-produzzjoni agrikola. Kull provvista ta' żiemel tista' għalhekk tibbenefika minn rata mnaqqsa tal-VAT abbażi tal-punt 11 tal-Anness III.

34 Fil-kontroreplika tiegħu, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jżid jgħid li r-riżultat mixtieq mill-Kummissjoni, jiġifieri l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-materji primi kollha u għall-prodotti intermedjarji, jintlaħaq ukoll jekk jitqies li l-punt 1 tal-Anness III japplika fir-rigward tal-annimali ħajjin kollha. Barra minn hekk, ma jistax jiġi vverifikat il-fatt jekk il-prodott lest isirx jiswa iktar minħabba aġġustament.

35 Finalment, l-interpretazzjoni proposta mill-Kummissjoni tikser il-prinċipju taċ-ċertezza legali. Fil-fatt, il-persuna taxxabbli jkollha kull darba tivverifika jekk il-provvista ta' żiemel għandhiex tiġi ssuġġettata għar-rata normali jew għar-rata mnaqqsa tal-VAT, filwaqt li d-destinazzjoni tal-annimal tista' tiġi ddeterminata *a posteriori* biss.

36 Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tosserva li, għalkemm l-ebda waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ċċitati mill-Kummissjoni ma tippermetti li jiġi ddeterminat b'mod ċar il-kamp ta' applikazzjoni tal-punt 1 tal-Anness III, mill-verżjoni bil-Ġermaniż ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-espressjoni "normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel" tirreferi biss għall-ingredjenti. Barra minn hekk, id-determinazzjoni tar-rata tal-VAT applikabbli skont l-użu taż-żiemel min-naħa tax-xerrej tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tan-newtralità ta' din it-taxxa.

37 Ir-Repubblika Franċiża tqis li l-imsemmi punt 1 jippermetti l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvisti kollha ta' annimali ħajjin, indipendentement mid-destinazzjoni tagħhom. Fil-fatt, l-istess bħall-pjanti u ż-żerriegħa, dawn tal-aħħar huma distinti mill-ingredjenti normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel. F'kull każ, iż-żwiemel jifformaw parti mill-annimali ħajjin normalment maħsuba għall-ikel.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

38 Preliminarjament, għandu jiġi osservat li, waqt is-seduta, il-Kummissjoni ppreċiżat li, minn fost l-annimali kkunsidrati fil-punt a. 4(a) tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ, ir-rikors tagħha jikkonċerna b'mod esklużiv liż-żwiemel, peress li l-annimali tal-ifrat, in-ngħaġ, il-mogħoż u l-ħnieżer huma fil-parti l-kbira mrobbija għall-konsum mill-bnedmin u mill-annimali.

39 Konsegwentement, dan ir-rikors għandu jinftiehem fis-sens li l-Kummissjoni tilmenta kontra r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi talli japplika rata mnaqqsa tal-VAT biss għall-provvisti, għall-importazzjonijiet u għall-akkwisti intra-Komunitarji ta' żwiemel.

40 Qabel kollox, il-partijiet ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni tal-punt 1 tal-Anness III, billi huma kollha jinvokaw verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' din id-dispożizzjoni insostenn tal-argumentazzjoni tagħhom.

41 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-imsemmi punt 1 ma għandux l-istess tifsira fid-diversi lingwi uffiċjali tal-Unjoni.

42 Fil-fatt, min-naħa waħda, mill-verżjonijiet tal-punt 1 tal-Anness III bil-Ġermaniż ["Nahrungs- und Futtermittel (einschließlich Getränke alkoholische Getränke jedoch ausgenommen), lebende Tiere, Saatgut, Pflanzen und üblicherweise für die Zubereitung von Nahrungs- und Futtermitteln verwendete Zutaten sowie üblicherweise als Zusatz oder als Ersatz für Nahrungs- und Futtermittel verwendete Erzeugnisse"] u bl-Olandiż ["Levensmiddelen (met inbegrip van dranken, maar met uitsluiting van alcoholhoudende dranken) voor menselijke en dierlijke consumptie, levende dieren, zaaigoed, planten en ingrediënten die gewoonlijk bestemd zijn voor gebruik bij de bereiding van levensmiddelen, alsmede producten die gewoonlijk bestemd zijn ter aanvulling of vervanging van levensmiddelen"], li jibbaża ruħu fuqhom ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, jirriżulta li l-espressjoni "normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel" tapplika biss għall-ingredjenti, liema ħaġa tfisser li l-provvisti kollha ta' annimali ħajjin, tkun liema tkun id-destinazzjoni tagħhom, tista' tkun is-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT.

43 Min-naħa l-oħra, il-verżjonijiet tal-istess punt 1 bl-Ingliż ["Foodstuffs (including beverages but excluding alcoholic beverages) for human and animal consumption; live animals, seeds, plants and ingredients normally intended for use in the preparation

of foodstuffs; products normally used to supplement foodstuffs or as a substitute for foodstuffs"], bil-Franċiż ["Les denrées alimentaires (y compris les boissons, à l'exclusion, toutefois, des boissons alcooliques) destinées à la consommation humaine et animale, les animaux vivants, les graines, les plantes et les ingrédients normalement destinés à être utilisés dans la préparation des denrées alimentaires; les produits normalement utilisés pour compléter ou remplacer des denrées alimentaires"] u bit-Taljan ["Prodotti alimentari (incluse le bevande, ad esclusione tuttavia delle bevande alcoliche) destinati al consumo umano e animale, animali vivi, sementi, piante e ingredienti normalmente destinati ad essere utilizzati nella preparazione di prodotti alimentari, prodotti normalmente utilizzati per integrare o sostituire prodotti alimentari"], li tirreferi għalihom il-Kummissjoni, jistgħu jiġu interpretati, fuq diversi livelli, fis-sens li l-espressjoni"normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel" ma tikkonċernax biss lill-ingredjenti, iżda tirrigwarda wkoll lill-annimali ħajjin, liż-żerriegħa u lill-pjanti.

44 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kliem użat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax iservi bħala bażi unika għall-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jew jingħata, f'dan ir-rigward, prijorità fil-konfront tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra. Approċċ bħal dan ikun inkompatibbli mar-rekwiżit ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni. Fil-każ ta' diverġenza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata skont l-istruttura ġenerali u l-għan tal-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha (ara s-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1990, Cricket St Thomas, C-372/88, Ġabra p. I-1345, punti 18 u 19; tat-12 ta' Novembru 1998, Institute of the Motor Industry, C-149/97, Ġabra p. I-7053, punt 16, kif ukoll tal-25 ta' Marzu 2010, Helmut Müller, C-451/08, Ġabra p. I-2673, punt 38).

45 Fir-rigward tal-istruttura ġenerali tal-punt 1 tal-Anness III, għandu jiġi osservat, inizjalment, li l-kliem inizjali, li serva bħala referenza fl-abbozzar tal-Anness III, jidher fil-punt 1 tal-Anness H tas-Sitt Direttiva, liema anness ġie miżjud magħha permezz tal-punt 5 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva tal-Kunsill 92/77/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, li tissupplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud

u li temenda d-Direttiva 77/388/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 202).

46 Dan il-punt 1 ġie kemxejn emendat matul is-sostituzzjoni tas-Sitt Direttiva bid-Direttiva 2006/112. Fil-fatt, kif ġustament enfasizzat il-Kummissjoni waqt is-seduta, l-espressjoni "[o]ġġetti ta' l-ikel [...] għall-konsum mill-bnedmin u mill-annimali" hija segwita minn punt u virgola b'mod partikolari fil-verżjonijiet bid-Daniż, bil-Franċiż, bit-Taljan, bl-Olandiż u bl-Ingliż tal-punt 1 tal-Anness H tas-Sitt Direttiva. Issa, fir-rigward ta' dawn il-verżjonijiet, dan il-punt u virgola ġie ssostitwit b'sempliċi virgola fil-verżjonijiet bid-Daniż, bil-Franċiż, bit-Taljan u bl-Olandiż tal-imsemmi punt 1.

47 Madankollu, skont it-tielet premessa tad-Direttiva 2006/112, it-tfassil mill-ġdid tal-istruttura u tal-kliem tas-Sitt Direttiva kien intiż sabiex jiżgura li d-dispożizzjonijiet ikunu ppreżentati b'mod ċar u razzjonali, mingħajr ma joħolqu, bħala prinċipju, tibdil fil-leġiżlazzjoni eżistenti, minkejja li f'kull każ għandhom isiru numru sostanzjali ta' emendi sostantivi peress li huma inerenti għal tali eżerċizzju ta' tfassil mill-ġdid.

48 Fin-nuqqas ta' emendi sostanzjali fil-punt 1 tal-Anness III, l-istruttura ġenerali ta' din id-dispożizzjoni għandha tiġi eżaminata fid-dawl tal-kliem tal-punt 1 tal-Anness H tas-Sitt Direttiva, li jesprimi l-intenzjonijiet tal-leġiżlatur tal-Unjoni meta stabbilixxa l-lista tal-oġġetti u tas-servizzi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT.

49 F'dan ir-rigward, minn aspett semantiku, l-użu ta' punt u virgola wara l-espressjoni "[o]ġġetti ta' l-ikel [...] għall-konsum mill-bnedmin u mill-annimali" ifisser kjarament li l-punt 1 tal-Anness H tas-Sitt Direttiva jinkludi fih tliet partijiet ta' frażi distinti

sewwa. Għalhekk, minn dan għandu jiġi konkluż li peress li l-intenzjonijiet tal-leġiżlatur ma nbidlux, il-punt 1 tal-Anness III huwa kompost mill-istess tliet partijiet tal-frażi.

50 Hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 54 tal-konklużjonijiet tiegħu, kull waħda minn dawn it-tliet partijiet tal-frażi hija ddedikata għall-prodotti tal-ikel għall-konsum mill-bnedmin u mill-annimali. Fil-fatt, l-ewwel waħda ssemmi lill-prodotti tal-ikel. It-tielet parti tal-frażi tirrigwarda l-prodotti użati biex jikkompletaw jew jieħdu l-post tal-prodotti tal-ikel. It-tieni parti tal-frażi tikkonċerna lill-annimali ħajjin, liż-żerriegħa, lill-pjanti u lill-ingredjenti, li minnhom infushom ma jikkostitwixxux prodotti tal-ikel. B'mod loġiku, din it-tieni parti tal-frażi, inkwadrata mit-tnejn l-oħra, għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal dawn l-elementi biss sa fejn dawn huma normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel. Din l-evalwazzjoni hija kkorroborata mill-fatt li, kuntrarjament għal dak li jsostni r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, xi żerriegħa u pjanti jistgħu jkunu normalment intiżi sabiex jintużaw fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ikel. L-użu tat-terminu "annimali ħajjin", f'din il-lista, ifisser li r-rata mnaqqsa tal-VAT tapplika għall-provvisti mwettqa fi stadju preċedenti għall-qtil tal-annimali.

51 Konsegwentement, l-istruttura ġenerali tal-punt 1 tal-Anness III twassal sabiex tiġi adottata l-interpretazzjoni li tgħid li l-provvisti ta' annimali ħajjin jistgħu jkunu s-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT biss fil-każ fejn dawn l-annimali jkunu normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel.

52 F'dak li jirrigwarda l-iskop tal-punt 1 tal-Anness III, għandu jiġi rrilevat li, b'risposta għal domanda bil-miktub tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni indikat, mingħajr ma ġiet ikkontestata mill-partijiet l-oħra fil-kawża fuq dan il-punt, li l-leġiżlatur tal-Unjoni, meta stabbilixxa l-Anness H tas-Sitt Direttiva, kellu l-għan li l-oġġetti essenzjali kif ukoll l-oġġetti u s-servizzi li jikkorrispondu għal għanijiet soċjali jew

kulturali, sakemm ma jippreżentawx riskju jew jippreżentaw riskju żgħir ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, jistgħu jkunu s-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT.

53 Imsemmija fuq quddiem fl-Anness III, saħansitra qabel il-"provvisti ta' l-ilma" u l-"prodotti farmaċewtiċi", il-prodotti tal-ikel huma relatati mal-oġġetti essenzjali. Billi ppermetta l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-prodotti tal-ikel, minflok rata normali, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħmel lil dawn tal-aħħar irħas, u għalhekk iktar aċċessibbli, għall-konsumatur finali, li finalment iħallas il-VAT (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2006, Banca popolare di Cremona, C-475/03, Ġabra p. I-9373, punt 22, kif ukoll tal-11 ta' Ottubru 2007, KÖGÁZ *et*, C-283/06 u C-312/06, Ġabra p. I-8463, punt 30). B'mod loġiku, sabiex jilħaq dan l-iskop b'mod sħiħ, il-leġiżlatur imsemmi estenda l-applikazzjoni ta' din ir-rata mnaqqsa tal-VAT għall-elementi li, għalkemm huma stess ma humiex prodotti tal-ikel, huma normalment intiżi għall-użu fil-preparazzjoni ta' dawn il-prodotti.

54 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-punt 1 tal-Anness III jawtorizza l-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT biss għall-annimali ħajjin normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel u li, min-naħa l-oħra, l-iskop ta' din id-dispożizzjoni huwa dak li jiġi ffaċilitat ix-xiri ta' dawn il-prodotti tal-ikel mill-konsumatur finali.

55 Bl-użu tal-avverbju "normalment" fit-tieni parti tal-frażi tal-imsemmi punt 1, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jirreferi għall-annimali li, abitwalment u b'mod ġenerali, huma intiżi sabiex jidħlu fil-katina alimentari tal-bniedem u tal-annimali. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, tal-ispeċi tal-annimali tal-ifrat, ngħaġ, mogħoż u ħnieżer imsemmija fil-punt a. 4(a) tal-Liġi dwar it-taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ. Għalhekk, il-provvisti kollha ta' annimali li jappartjenu għal dawn l-ispeċi jistgħu jkunu s-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT, mingħajr ma jkun hemm lok għalfejn tiġi eżaminata s-sitwazzjoni partikolari ta' tali annimal jew ieħor.

56 Min-naħa l-oħra, huwa magħruf li, fl-Unjoni, l-ispeċi taż-żwiemel tinsab f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-ispeċi ċċitati fil-punt preċedenti. Fil-fatt, hekk kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 65 tal-konklużjonijiet tiegħu, iż-żwiemel ma humiex, abitwalment u b'mod ġenerali, intiżi għall-użu fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ikel, minkejja li xi wħud minnhom effettivament iservu għall-konsum mill-bniedem jew mill-annimali.

57 Fid-dawl ta' din is-sitwazzjoni partikolari taż-żwiemel li, mingħajr ma huma normalment maħsuba għall-użu fil-preparazzjoni ta' prodotti tal-ikel, jistgħu madankollu, fil-każ ta' xi wħud minnhom, jiġu pprovduti għall-konsum, għandu jitqies li, fid-dawl tal-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni intiż sabiex jirrendi l-oġġetti essenzjali irħas għall-konsumatur finali, il-punt 1 tal-Anness III għandu jiġi interpretat fis-sens li hija biss il-provvista ta' żiemel bil-għan li jinqatel sabiex jintuża fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ikel li tista' tkun is-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT.

58 Għandu jingħad ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dispożizzjonijiet li għandhom in-natura ta' deroga minn prinċipju għandhom jiġu interpretati b'mod strett (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1995, Oude Luttikhuis *et*, C-399/93, Ġabra p. I-4515, punt 23, kif ukoll tas-17 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-492/08, Ġabra p. I-5471, punt 35). Issa, l-awtorizzazzjoni tal-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għal kull provvista ta' żiemel timplika interpretazzjoni estiża tal-punt 1 tal-Anness III.

59 Għalhekk, l-imsemmi punt 1 ma jippermettix lil Stat Membru li japplika rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvisti kollha ta' żwiemel ħajjin, u din tkun liema tkun id-destinazzjoni tagħhom.

60 L-ebda wieħed mill-argumenti invokati mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u ż-żewġ Stati Membri l-oħra li intervenew insostenn tat-talbiet ta' dan tal-aħħar ma hija tali li tqiegħed indiskussjoni lil din il-konklużjoni.

61 Fil-fatt, fl-ewwel lok, fir-rigward tar-Regolament Nru 504/2008, fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-*equidae*, huwa minnu li, skont l-Artikolu 20(1) ta' dan ir-regolament, *equidae* għandu "jitqies maħsub għall-qtil għall-konsum mill-bniedem sakemm ma jiġix iddikjarat b'mod irriversibbli li mhux maħsub hekk" fid-dokument ta' identifikazzjoni tal-annimal. Il-paragrafu (2) tal-istess artikolu jippreċiża li, qabel kull trattament kif previst, il-veterinarju responsabbli għandu jaċċerta li l-istatus tal-*equidae* jkun jew bħala annimal għall-qtil għall-konsum mill-bniedem, "il-każ normali", jew bħala annimal mhux maħsub għall-qtil għall-konsum mill-bniedem.

62 Madankollu, għandu jiġi osservat li l-għan tar-Regolament Nru 504/2008 huwa differenti ħafna minn dak tal-punt 1 tal-Anness III. Fil-fatt, dan ir-regolament jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li żiemel jista' jkun ikkonsmat fil-kuntest tal-alimentazzjoni tal-bniedem u jipprevedi, bħala konsegwenza, sistema intiża sabiex toħloq sistema fejn żiemel li jidħol fil-katina alimentari tal-bniedem ikun adattat għall-konsum. F'dan il-kuntest, sabiex jikkontrolla bl-aħjar mod l-amministrazzjoni ta' mediċini veterinarji, dan ir-regolament jistabbilixxi li *equidae* huwa bħala prinċipju intiż għall-qtil għall-konsum mill-bniedem.

63 Madankollu, ir-Regolament Nru 504/2008 ma jippermettix li jiġi ddeterminat liema żwiemel għandhom, finalment, tali destinazzjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 20 ta' dan ir-regolament jistabbilixxi wkoll li żiemel jista' ma jkunx destinat għall-konsum mill-bniedem.

64 F'dawn iċ-ċirkustanzi, mill-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 504/2008 ma jistax jiġi dedott li, skont il-leġiżlatur tal-Unjoni, żiemel huwa normalment destinat għall-użu fil-preparazzjoni tal-prodotti tal-ikel.

65 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-argument li jgħid li l-provvisti ta' żwiemel kollha għandhom ikunu suġġetti għal rata mnaqqsa tal-VAT abbażi tal-punt 11 tal-Anness III, għandu jiġi enfasizzat li, fl-Istati Membri, iż-żwiemel ma humiex abitwalment u b'mod ġenerali użati fil-produzzjoni agrikola. Minn dan jirriżulta li għandu jiġi applikat raġunament simili għal dak segwit fil-kuntest tal-punt 1 tal-istess anness, jiġifieri li huma biss il-provvisti ta' żwiemel fid-dawl tal-użu tagħhom fil-produzzjoni agrikola li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rata mnaqqsa tal-VAT. Għalhekk, l-istess bħall-punt 1, l-imsemmi punt 11 ma jippermettix li tiġi applikata rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvisti kollha ta' żwiemel.

66 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-prinċipju tan-newtralità tal-VAT, li jipprekludi d-determinazzjoni tar-rata applikabbli ta' din it-taxxa skont id-destinazzjoni taż-żwiemel, għandu jiġi mfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' newtralità fiskali inerenti għas-sistema komuni tal-VAT jipprekludi li l-merkanzija jew il-provvista ta' servizzi simili, li huma għalhekk f'kompetizzjoni ma' xulxin, jiġu ttrattati b'mod differenti mill-perspettiva tal-VAT, b'tali mod li l-imsemmija merkanzija jew provvista ta' servizzi jkollhom jiġu ssuġġettati għal rata uniformi (ara, b'mod parrtikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Ottubru 2001, Adam, C-267/99, Ġabra p. I-7467, punt 36, u tas-6 ta' Mejju 2010, Il-Kummissjoni vs Franza, C-94/09, Ġabra p. I-4261, punt 40). Madankollu, b'kunsiderazzjoni tal-użu rispettiv tagħhom, żiemel għall-qatla ma huwiex simili la għal żiemel tal-kompetizzjoni u lanqas għal żiemel domestiku meta dan l-annimal jinbiegħ bħala tali. B'hekk, hekk kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, f'dan il-każ, dawn il-kategoriji ta' żwiemel ma humiex tali li jistgħu jkunu suġġetti għal rati ta' VAT differenti.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni għandu jitqies li huwa fondat.

68 Konsegwentement, għandu jiġi kkonstatat li, bl-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tal-VAT għall-provvisti, għall-importazzjonijiet u għall-akkwisti intra-Komunitarji kollha ta' żwiemel, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas mill-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 12, moqri flimkien mal-Anness H tas-Sitt Direttiva kif ukoll skont l-Artikoli 96 sa 99(1) tad-Direttiva 2006/112, moqrija flimkien mal-Anness III.

**Fuq l-ispejjeż**

69 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

70 Skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (4) tal-istess artikolu, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża, li intervjenew fil-kawża, għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Bl-applikazzjoni ta' rata mnaqqsa tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti, għall-importazzjonijiet u għall-akkwisti intra-Komunitarji kollha ta' żwiemel, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas mill-obbligi tiegħu taħt**

**l-Artikolu 12, moqri flimkien mal-Anness H tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2006/18/KE, tal-14 ta' Frar 2006, kif ukoll l-Artikoli 96 sa 99(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, moqrija flimkien mal-Anness III tagħha.**

2) **Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi għandu jbati l-ispejjeż.**

3) **Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.**

Firem